

32002L0032

L 140/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.5.2002

ID-DIRETTIVA 2002/32/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tas-7 ta' Mejju 2002****dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,
Wara li qiesu t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u
b'mod partikolari l-Artikolu 152(4)(b) tiegħu,

Wara li qiesu l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li qiesu l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,
fid-dawl tal-kitba kombinata approvata mill-Kumitat ta' Konċil-
jazzjoni fis-26 ta' Marzu 2002,

Billi:

- (1) Hemm bżonn li jsiru bosta emendi lid-Direttiva tal-Kunsill 1999/29/KE tat-22 ta' April 1999 dwar is-sustanzi mhux mixtieqa u prodotti fin-nutrizzjoni ta' l-annimali ⁽⁴⁾. Fl-interess tal-kjarezza u ta' l-effiċjenza d-Direttiva msemmija għandha tkun ifformulata mill-ġdid.
- (2) It-trobbija ta' l-annimali tokkupa parti mportanti ħafna fil-biedja fil-Komunità u riżultati sodisfaċenti fejn għandhom x'jaqsmu s-saħħa pubblika u ta' l-annimali, is-saħħa ta' l-annimali, l-ambjent u l-finanzi tal-produtturi jiddependu ħafna fuq l-użu ta' għalf ta' kwalità tajba.
- (3) Hemm bżonn ta' regoli dwar l-għalf sabiex tkun żgurata l-produttività u s-sostenibiltà agrikola u jagħmluha possibbli li tkun żgurata s-saħħa pubblika u ta' l-annimali, s-saħħa ta' l-annimali u l-ambjent. Barra minn hekk, hemm il-bżonn ta' regolazzjoni komprensiva dwar l-iġene sabiex tkun garantita l-kwalità t-tajba ta' l-għalf fuq l-irziezet individwali anke meta ma jkunux prodotti kummerċjalment.
- (4) L-istess regoli li jikkonċernaw il-kwalità u s-sigurtà tal-prodotti ntiżi għal l-għalf ta' l-annimali għandhom japplikaw għal kwalità u s-sigurtà ta' l-ilma kkonsmati mill-annimali. Minkejja li d-definizzjoni ta' għalf ma teskludix l-ilma milli jkun meqjus bħala għalf, mhux inkluż fil-lista mhux sħiħa tal-materjali ta' l-għalf skond Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE tad-29 t'April 1996 dwar iċ-ċirkulazzjoni u l-użu ta' l-għalf ⁽⁵⁾. Il-kwistjoni dwar jekk l-ilma għandux jitqies bħala għalf għandha bżonn tkun eżaminata fid-dawl ta' dik id-Direttiva.

(5) Ġie determinat li l-addittivi jista' jkun fihom sustanzi mhux mixtieqa. L-iskop tad-Direttiva għandu jkun estiż biex ikopri l-addittivi.

(6) Prodotti intiżi bħala għalf ta' l-annimali jista' jkun fihom sustanzi mhux mixtieqa li jistgħu jipperikolaw is-saħħa ta' l-annimal jew, minhanna l-preżenza tagħhom fi prodotti ta' l-annimali, is-saħħa umana jew l-ambjent.

(7) Huwa impossibbli li telimina kompletament il-preżenza ta' sustanzi mhux mixtieqa pero huwa mportanti li l-kontenut tagħhom fi prodotti intiżi għal għalf ta' l-annimali jkun mnaqqas, b'attenzjoni xierqa lejn it-tossiċità akuta tas-sustanzi, il-bijoakkumubiltà u degradabilità, sabiex ikunu evitati effetti mhux mixtieqa je wli jagħmlu ħsara. Huwa fil-preżent mhux xieraq li jkun iffissat dan il-kontenut taħt il-livelli li jistgħu jkunu jidentifikati b'metodi t'analiżi l; l-għandhom ikunu definiti għal Komunità.

(8) Il-metodi sabiex ikunu jidentifikati reżidiw ta' sustanzi mhux mixtieqa qed isiru dejjem aktar sofistikati, sabiex anke kwantitajiet ta' reżidw li hma negliġibbli għas-saħħa umana u ta' l-annimali jkunu jistgħu jinstabu.

(9) Sustanzi mhux mixtieqa jistgħu jkunu preżenti fi prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali skond il-kondizzjonijiet imniżżla f'din id-Direttiva biss u ma jistgħux jintużaw b'xi mod ieħor għal l-għan t'għalf ta' l-annimali. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr ma taffetwa dispożizzjonijiet Komunitarji oħra dwar l-għalf, u b'mod partikolari r-regoli applikabli għal għalf kompost.

⁽¹⁾ ĠU C 89 E, tat-28.3.2000, p. 70 and ĠU C 96 E, tas-27.3.2001, p. 346.

⁽²⁾ ĠU C 140, tat-18.5.2000, p. 9.

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-4 t'Ottubru 2000 (ĠU C 178, tat-22.6.2001, p. 160), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-17 ta' Settembru 2001 (ĠU C 4, tas-7.1.2002, p. 1) u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2001 (mhux publikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 t'April 2002 u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 t'April 2002.

⁽⁴⁾ ĠU L 115, ta' l-4.5.1999, p. 32.

⁽⁵⁾ ĠU L 125, tat-23.5.1996, p. 35. Direttiva kif l-aħħar emendata mill-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/16/KE (ĠU L 105, tat-3.5.2000, p. 36).

(10) Din id-Direttiva għandha tapplika għal prodotti intiżi għal għalf ta' l-annimali hekk kif jidħlu fil-Komunità. Għandu għal daqs tant ikun stipulat li l-livelli massimi ta' sustanzi mhux mixtieqa li għandhom japplikaw b'mod ġenerali mid-data li fiha l-prodotti intiżi għal għalf ta' l-annimali jkunu mpoġġja fiċ-ċirkulazzjoni jew għal użu, f'kull stadju, u b'mod partikolari hekk kif ikunu mportati.

- (11) Prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali għandhom ikunu sodi, ġenwini u ta' kwalità tajba għas-suq u għal daqs tant meta jkunu wżati b'mod korrett m'għandhomx jippreżentaw periklu lis-saħħa tal-bniedem, s-saħħa ta' l-annimali jew lill-ambjent jew taffetwa ħażin il-produzzjoni ta' l-annimali. L-użu jew tpoġġija fis-suq ta' prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali li fihom livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa li jeċċedu l-liveli massimi speċifikati f'L-Anness I għandhom għal daqs tant ikunu projbiti.
- (12) Il-preżenza ta' ċerti sustanzi mhux mixtieqa f'għalf komplimentari trid tkun limitata bl-iffissar ta' livelli massimi approprijati.
- (13) Filwaqt li f'ċerti każi hemm livell massimu ffixsat, jikkonsidera l-livell fl-isfond, għad hemm bżonn ta' sforzi biex tkun ristretta l-preżenza ta' ċerti sustanzi mhux mixtieqa speċifiċi għal l-aktar livelli baxxi possibbli fi prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali sabiex tkun imnaqqsqa l-preżenza ta' l-għalf u tal-katina ta' l-ikel. Għandu għal daqs tant ikun permess, taħt din id-Direttiva, li jkunu speċifikati limiti t'azzjoni li jkunu l'isfel sewwa mill-livelli massimi ffixsati. Fejn tali limiti t'azzjoni jinqabżu, l-investigazzjonijiet għandhom isiru sabiex ikunu identifikati r-riżorsi tas-sustanzi mhux mixtieqa u jittieħdu passi biex ikunu mnaqqsqa jew eliminati tali sorsi.
- (14) Fejn is-saħħa ta' l-annimal jew umana jew l-ambjent ikunu perikolati, l-Istati Membri għandhom ikunu mħalla temporanjament inaqqsu l-livelli fissi massimi permessibbli, li jiffissaw il-livelli massimi għal sustanzi oħra je wli jipprojbixxu l-preżenza ta' tali sustanzi fi prodotti intiżi għal għalf ta' l-annimali. Sabiex tkun żgurata applikazzjoni uniformi, kwalunkwe emendi għal l-Anness I ta' din id-Direttiva għandhom ikunu deċiżi minn proċeduri t'emerġenza Komunitarji, fuq il-bażi ta' dokumentazzjoni li tissapportja u l-prinċipju ta' prekawzjoni.
- (15) Prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali li jissodisfaw r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva m'għandhomx ikunu suġġetti għal restrizzjonijiet mad-dħul fiċ-ċirkolazzjoni, fejn għandu x'jaqşam il-livell ta' sustanzi mhux mixtieqa li jkun fihom, barra minn dawk provduti f'din id-Direttiva u f'Direttiva tal-Kunsill 95/53/KE tal-25 t'Ottubru 1995 li ffixsaw l-prinċipji li jiggvernaw l-organizzazzjoni ta' spezzjonijiet uffiċjali fil-qasam ta' l-ikel ta' l-annimali ⁽¹⁾
- (16) L-Istati Membri għandhom joħlqu arranġamenti ta' moniteragg xierqa skond Direttiva 95/53/KE sabie xjiżguraw li r-rekwiżiti dwar sustanzi mhux mixtieqa jintlaħqu meta prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali jintużaw je wikunu ċirkolati.
- (17) Proċedura Komunitarja xierqa hi meħtieġa sabiex ikunu addottati d-dispożizzjonijiet tekniċi fl-Annessi ta' din id-Direttiva fid-dawl ta' żviluppi fil-ħsieb xjentifiku u teknoloġiku.
- (18) Sabiex tkun faċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti, għandu jkunu hemm proċedura ta' ko-operazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti għal l-għalf imwaqqaf b'Deċizzjoni 70/372/KEE ⁽²⁾.
- (19) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu addottati skond Deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tispeċifika l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' l-implimentazzjoni tas-setgħat li mgħonija bihom il-Kummissjoni ⁽³⁾,

ADDOtta DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

- Din id-Direttiva titratta dwar sustanzi mhux mixtieqa fi prodotti intenzjonati għall-għalf ta' l-annimali.
- Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet:
 - tad-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ta' 23 ta' Novembru 1970 dwar l-addittivi fl-għalf ta' l-annimali ⁽⁴⁾
 - tad-Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar it-tpoġġija fis-suq tal-għalf ta' l-annimali mħallat ⁽⁵⁾;
 - tad-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE tat-23 ta' Novembru 1976 dwar l-iffissar ta' livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fil- jew fuq il-frott u l-ħaxix ⁽⁶⁾, Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fiċ- jew fuq iċ-ċereali ⁽⁷⁾, id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 fuq l-iffissar ta' livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fil- jew fuq l-għalf ta' l-annimali li joriġina mill-annimali ⁽⁸⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar ta' livelli massimi f' jew fuq ċertu prodotti li joriġinaw mill-pjanti, li jinkludu frott u ħaxix ⁽⁹⁾, fejn dawn ir-residwi mħumiex elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva;

⁽²⁾ ĠU L170, 3.8.1970, p.1.

⁽³⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p.23

⁽⁴⁾ ĠU L 270, 14.12.1970, p.1. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2205/2001 (ĠU L297, 15.11.2001, p.3).

⁽⁵⁾ ĠU L 86, 6.4.1979, p.30 Direttiva kif l-aħħar emendata mill-parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 2002/2/KE (ĠU L 63, 6.3.2002, p.23).

⁽⁶⁾ ĠU L 340, 9.12.1976, p.26. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/57/KE (ĠU L 244, 29.9.2000, p.76).

⁽⁷⁾ ĠU L221, 7.8.1986, p.37. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/23/KE (ĠU L 64, 7.3.2002, p.13).

⁽⁸⁾ ĠU L221, 7.8.1986, p.43. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2002/23/KE

⁽⁹⁾ ĠU L350, 14.12.1990, p.71. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/23/KE

⁽¹⁾ ĠU L 265, tat-8.11.1995, p. 17. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 234, ta' l-1.9.2001, p. 55).

- (d) tal-leġislazzjoni Komunitarja dwar kwistjonijiet veterinarji li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa pubblika u ta' l-annimali;
- (e) Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 dwar ċerti prodotti wżati fl-ikel ta' l-annimali ⁽¹⁾;
- (f) Direttiva tal-Kunsill 93/74/KEE tat-13 ta' Settembru 1993 dwar għalf intiż għal għanijiet partikolari ta' nutrizzjoni ⁽²⁾.

Artikolu 2

Għal l-għanijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) 'għalf' għandha tfisser prodotti li joriġinaw mill-gaxix je wmill-annimali, fl-Istat naturali tagħhom, friski jew preservati, u prodotti li għejjin minn proċessar industrijali, jew sustanzi organiċi jew mhux organiċi, użati waħidhom jew f'taħlitiet, bl-addittivi jew le, għal l-għalf ta' l-annimali mill-ħalq;
- (b) ċmaterjal tal-ikel' għandha tfisser diversi prodotti li joriġinaw mill-ħaxix jew mill-annimali, fl-istat naturali tagħhom, friski jew preservati, u prodotti li għejjin minn proċessar industrijali, jew sustanzi organiċi jew mhux organiċi, użati waħidhom jew f'taħlitiet, bl-addittivi jew le, li huma ntiżi għal l-għalf ta' l-annimali bil-ħalq jew direttament jew wara l-ipproċessar, fil-preparazzjoni t'għalf kompost jew bħala sotto-strati għal taħlitiet ġa lesti;
- (c) 'addittivi' għandha tfisser addittivi kif imfissra fl-Artikolu 2(a) ta' Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE;
- (d) 'taħlitiet ġa lesti' għandha tfisser taħlitiet t'addittivi jew taħlitiet ta' wieħed jew altar addittivi b'sustanzi wżati bħala li jgħorru, intiżi għal produzzjoni ta' l-għalf;
- (e) 'għalf kompost' għandu jfisser taħlitiet ta' materjal ta' l-ikel, bl-addittivi jew mingħajru, li huma ntiżi għal l-għalf ta' l-annimali mill-ħalq bħala għalf sħiħ jew komplimentari;
- (f) 'għalf komplimentari' għandu jfisser taħlitiet t'għalf li fihom kontenut għoli ta' ċerti sustanzi u li, minħabba l-kompożizzjoni tagħhom, huma suffiċjenti għal porzjon ta' kuljum jekk użati ma għalf ieħor;
- (g) 'għalf komplut' għandha tfisser taħlitiet li, minħabba l-kompożizzjoni tagħhom, huma biżżejjed għal porzjon waħda kuljum;
- (h) 'prodotti intiżi bħala għalf ta' l-annimali' għandhom ifissru materjali ta' l-ikel, taħlitiet ġa lesti, addittivi, għalf u l-prodotti l-oħra kollha intiżi għal użu jew użati fl-ikel ta' l-annimali;
- (i) 'porzjon ta' kuljum' tfisser il-kwantitja totali medja t'għalf, kallkulat fuq kontenut imxarrab ta' 12 %, li hu meħtieġ ta' kuljum minn annimal ta' speċi speċifika, eta u produzzjoni, sabiex ikunu sodisfatti l-bżonnijiet kollha tiegħu;

- (f) 'annimali' għandha tfisser annimali li jappartjenu lil speċi li normalment tintema u tinżamm jew tkun ikkonsumata mill-bniedem kif ukoll annimali slavaġġ li jgħixu ħielsa jekk ikunu mitmghuha l-għalf;
- (k) 'tpoġġija fiċ-ċirkulazzjoni' jew 'ċċirkolazzjoni' għandha tfisser iż-żamma ta' prodotti għal l-għan ta' bejgħ, inklużi offerti għal bejgħ, jew kwalunkwe forma oħra ta' trasferiment, kemm jekk ħieles u kemm jekk le, lil terzi partijiet, je wil-bejgħ jew forom oħra ta' trasferimenti fihom infushom;
- (l) (1) 'sustanzi mhux mixtieqa' għandha tfisser kwalunkwe sustanza jew prodott, bl-eċċezzjoni t'aġenti patoġeniċi, li hi preżenti fi u/jew fuq il-prodott intiż għal l-għalf ta' l-annimal u li jippreżenta periklu potenzali lis-saħħa ta' l-annimal jew umana jew lill-ambjent jew li jista' jaffetwa ħażin il-produzzjoni ta' l-annimali.

Artikolu 3

1. Prodotti intiżi għal għalf ta' l-annimali jistgħu jidħlu għal użu fil-Komunità minn terzi pajjiżi, jitpoġġew fiċ-ċirkolazzjoni u/jew ikunu wżati fil-Komunità jekk huma sodi, ġenwini u ta' kwalità tajba għal bejgħ biss u għal daqs tant meta wżati kif suppost ma jirrapreżentaw l-ebda periklu għas-saħħa tal-bniedem, s-saħħa ta' l-annimali jew għal ambjent jew jaffetwa ħażin il-produzzjoni ta' l-annimali.

2. B'mod partikolari, prodotti intiżi bħala għalf ta' l-annimali għandhom ikunu meqjusa li mhumiex konformi ma paragrafu 1 jekk il-livell ta' sustanzi mhux mixtieqa li jkun fihom ma jkunx konformi mal-livelli massimi mniżżla f'L-Anness I.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jippreskrivu li s-sustanzi mhux mixtieqa mniżżla f'L-Anness I jistgħu jkunu tollerati fi prodotti ntiżi bħala għalf ta' l-annimali suġġetti għal kondizzjonijiet imniżżla hawn.

2. Sabiex ikunu mnaqqsas jew elimintati sorsi ta' sustanzi mhux mixtieqa fi prodotti intiżi bħala għalf ta' l-annimali, l-Istati Membri, f'ko-operazzjoni ma l-operaturi ekonomiċi, għandhom iwettqu investigazzjonijiet sabiex ikunu jidentifikati sorsi ta' sustanzi mhux mixtieqa, f'każijiet fejn il-livelli massimi jinqabżu u f'każijiet fejn livelli miżjuda ta' tali sustanza huma misjuba, filwaqt li jqisu l-livelli ta' l-isfond. Sabiex ikun hemm approċċ uniformi f'każijiet ta' livelli miżjuda jista' jkun hemm il-bżonn li jkunu speċifikati limiti t'azzjoni sabie xjibded tali investigazzjonijiet. Dawn jistgħu jkunu speċifikati f'L-Anness II.

L-Istati Membri għandhom jitttrażmettu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kull informazzjoni rilevanti u skoperti tas-sors u tal-miżuri meħuda sabie xikun imnaqqas il-livell ta' sustanzi mhux mixtieqa. Din l-informazzjoni għandha tkun trasmessa fil-qafas tar-rapport annwali li għandu jkun trażmess lill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet t'L-Artikolu 22 ta' Direttiva 95/53/KE minbarra f'dawk il-każijiet fejn l-informazzjoni hi ta' relevanza immedjata għall-Istati Membri l-oħra. Fil-każ ta' l-aħħar, l-informazzjoni għandha tkun trażmessa immedjatament.

⁽¹⁾ ĠU L 213, tal-21.7.1982, p. 8. Direttiva kif l-aħħar mendata minn Direttiva 1999/20/KE (ĠU L 80, tal-25.3.1999, p. 20).

⁽²⁾ ĠU L 237, tat-22.9.1993, p. 23. Direttiva kif l-aħħar emendta minn Direttiva 1999/29/KE (ĠU L 115, ta' l-4.5.1999, p. 32).

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jippreskrivu li prodotti intiżi bħala għalf ta' l-annimali li fihom livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa li jeċċedu l-livell massimu ffixat f'L-Anness I ma jistgħux jitħaltu għal diluzzjoni bl-istess prodotti, jew bi prodotti oħra ntiżi bħala għalf ta' l-annimali.

Artikolu 6

Sa fejn ma hemm l-ebda dispożizzjonijiet speċjali għal għalf komplimentari, l-Istati Membri għandhom jippreskrivu li għalf komplimentari ma jistax, fil-waqt li wiħed iqis il-proporzjon preskritt għal użu f'razzjon ta' kuljum, ikun fih livelli tas-sustanza mhux mixtieqa mniżżla f'L-Anness I li jeċċedu dawn iffixati għal għalf komplut.

Artikolu 7

1. 1.

2. Fejn Stat Membru għandu bażi, bażata fuq informazzjoni jew asseesse mil ġdid t'informazzjoni eżistenti magħmula minn informazzjoni ġa eżistenti magħmula minn meta d-dispożizzjonijiet inkwistjoni kienu addottati, li juru li livell massimu ffixat f'L-Anness I jew xi sustanza mhux mixtieqa mhux imniżżla hawn tippreżenta periklu lis-saħħa umana jew ta' l-annimal jew lill-ambjent, dak l-Istat Membru jista' proviżjonalment inaqqas il-livell massimu, jiffissa livell massimu jew jipprojbixxi l-preżenza ta' dik is-sustanza mhux mixtieqa fi prodotti ntiżi bħala għalf ta' l-annimali. Għandu jinforma minnu fih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, u jgħid x'inhi l-baży ta' din id-deċiżjoni.

2.

Għandha tittieħed deċiżjoni immedjata skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 12, dwar jekk l-Annessi I u II għandhomx ikunu emendati jew le. Sa fejn la l-Kunsill u l-anqas il-Kummissjoni ma jkun u hađu deċiżjoni, l-Istat Membru jista' jżomm il-miżuri li jkun implimenta. L-Istat Membru għandu jiżgura li d-deċiżjoni li tkun ittieħdet tkun magħmula pubblika.

Artikolu 8

1. Skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu II, il-Kummissjoni, fid-dawl ta' żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, għandha taddotta l-Annessi I u II.

2. Barra minn hekk, skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu II, il-Kummissjoni:

- għandha perjodikament taddotta verżjonijiet konsolidati t'L-Annessi I u II li jkun jinkorporaw fihom kwalunkwe addattamenti magħmula ma paragrafu I,
- jista' jiddefinixxi kriterju ta' aċċettabilità għal proċessi ta' detossifikazzjoni bħala kompliment lil kriterju ta' prodoti li jkun għaddew mill-proċess.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri sabiex tkun garantita l-applikazzjoni korretta ta' kwalunkwe proċessi aċċettabli skond paragrafu 2 u l-konformita tal-prodotti de-tossifikati ntiżi bħala għalf ta' l-annimali skond id-dispożizzjonijiet t'L-Anness I.

Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li prodotti ntiżi bħala għalf ta' l-annimali li jikkonformaw ma din id-Direttiva ma jkunux suġġetti għal xi restrizzjonijiet oħra rigward ċirkolazzjoni fejn tidħol il-preżenza ta' sustanzi mhux mixtieqa barra minn daww provduti f'din id-Direttiva u Direttiva 95/53/KE.

Artikolu 10

Id-dispożizzjonijiet li jista' jkollhom effett fuq is-saħħa pubblika jew ta' l-annimali jew fuq l-ambjent għandhom jkun adottati wara konsultazzjoni mal-Kumitat(i) tax-Xjenza kompetenti.

Artikolu 11

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti għal Oġġetti ta' l-Ikel, imwaqqaf b'L-Artikolu 1 ta' Deċiżjoni 70/372/KEE.

2. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, l-Artikoli 5 u 7 ta' Deċiżjoni 1999/468/KE għandha tapplika, wara li jkun meqjusa d-dispożizzjonijiet t'L-Artikolu 8 tiegħu.

3. Il-perjodu mniżżel fl-Artikolu 5(6) ta' Deċiżjoni 1999 468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

Artikolu 12

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat Permanenti għal Oġġetti ta' l-Ikel, imwaqqaf b'L-Artikolu 1 ta' Deċiżjoni 70/372/KEE.

2. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, l-Artikoli 5 u 7 ta' Deċiżjoni 1999/468/KE għandha tapplika, wara li jkun meqjusa d-dispożizzjonijiet t'L-Artikolu 8 tiegħu.

3. Il-perjodu mniżżel fl-Artikolu 5(6) ta' Deċiżjoni 1999 468/KE għandu jkun ta' ħmistax-il jum.

Artikolu 13

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw minn ta' l-anqas id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal prodotti ntiżi bħala għalf ta' l-annimali prodott fil-Komunità li għandu jkun esportat lejn terzi pajjiżi.

2. Paragrafu 1 m'għandux jaffetwa d-dritt ta' l-Istati Membri li jawtorizzaw ir-ri-esportazzjoni taħt il-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 12 ta' Regolament (KE) Nmr 1782002⁽¹⁾. Id-dispożizzjonijiet t'L-Artikolu 20 tiegħu għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nmr 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jspesċifika l-prinċipji u r-rekwiżiti ġenerali tal-liġi ta' l-ikel, li waqqaf l-Awtorita Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ike u li tispeċifika proċeduri f'materji ta' saħħa ta' l-ikel (CJ L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1).

Artikolu 14

1. Direttiva 1999/29/KE hija abrogata mill-1 t'Awwissu 2003, mingħajr preġudizzju lejn l-obbligi ta' l-Istati Membri li jikkonformaw maż-żmien t'għeluq inizzla f'Parti B t'L-Anness III għat-tranpożizzjoni tad-Direttivi mniżżla f'Parti A ta' dak l-Anness.

2. Referenzi għal Direttiva 1999/29/KE għandhom jinft-hemu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandha tinqara skond it-tabellun ta' korrelazzjoni f'L-Anness III.

Artikolu 15

L-Istati Membri għandhom jaddottaw u jipublikaw il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Mejju 2003. Dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnu fih.

Il-miżuri addottati għandhom japplikaw mill-1 t'Awwissu 2003.

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura biex issir tali referenza għandha tkun addottata mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-kitba tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 16

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 17

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul Brussell, fis-7 ta' Mejju 2002.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX

Għall-Kunsill

Il-President

R. DE RATO Y FIGAREDO

ANNEX I

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali	Il-kontenut massimu fmg/kg (ppm) f'relazzjoni m'għalf b'kontenut imxarrab ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
1. Arseniku	Materjal ta' l-ikel bl-eċċezzjoni ta': - ikel magħmul mil-ħaxix, minn xnien niexef u minn silla niexfa, u l-polpa tal-kanna taz-zokkor imnixfa u polpa tal-bitt - fosfati u għalf miksub mill-ipproċessar ta' ħut jew annimali marini oħra Għalf komplut bl-eċċezzjoni ta': - għalf komplut għal ħut Għalf komplimentari bl-eċċezzjoni ta': - għalf minerali	2 4 10 2 4 4 12
2. Ċomb	Materjal ta' l-ikel bl-eċċezzjoni ta': - silla ħadra - fosfati - lamtu Għalf komplut Għalf komplimentari bl-eċċezzjoni ta': - għalf minerali	10 40 30 5 5 10 30
3. Florin	Materjali ta' l-ikel bl-eċċezzjoni ta': - għalf li joriġina mill-annimali - fosfati Għalf komplut bl-eċċezzjoni ta': - għalf komplut għal baqar, nagħaġ u mogħoż - fil-ħalib - ieħor - għalf komplut għal ħnieżer - għalf komplut għat-tjur - għalf komplut għal flieles Taħlitiet minerali għal baqar, nagħaġ u mogħoż Għalf komplimentari ieħor	150 500 2 000 150 30 50 100 350 250 2 000 ⁽¹⁾ 125 ⁽²⁾
4. Merkurju	Feed materials with the exception of: - għalf prodott mill-ipproċessar tal-ħut jew annimali marini oħra Għalf komplut bl-eċċezzjoni ta': - għalf komplut għal klieb u qtates Għalf komplimentari bl-eċċezzjoni ta': - għalf komplimentari għal klieb u qtates	0,1 0,5 0,1 0,4 0,2

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali	Il-kontenut massimu f'mg/kg (ppm) f'relazzjoni m'għalf b'kontenut imxarrab ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
5. Nitrati	Ikel tal-ħut	60 (espress bħala sodium nitrite)
	Għalf komplut minn barra: - għalf intiż għal annimali domestiċi minbarra għasafar u ħut ta' l-akwarju	15 (espress bħala sodium nitrite)
6. Kadmijum	Materjali ta' l-ikel li joriġinaw mill-ħaxix	1
	Materjali ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali, minn barra: - għalf għal annimali domestiċi	2
	Fosfati	10 ⁽³⁾
	Għalf komplut għal baqar, nagħaġ u mogħoż bl-eċċezzjoni ta': - għalf komplut għal għoġol, ħrief u giddiż	1
	Għalf komplut ieħor bl-eċċezzjoni ta'except: - għalf għalf għal annimali domestiċi	0,5
	Għalf minerali	5 ⁽⁴⁾
	Għalf komplimentari ieħor għal baqar, nagħaġ u mogħoż	0,5
7. Aflatoxin B,	Materjali ta' l-ikel bl-eċċezzjoni ta':	0,05
	- karawett, kopra, il-qalba tal-palma, żerriegħa tal-qotton, babassu, qamħ ir-run u prodotti miksuba mill-ipproċessar ta'	0,02
	Għalf komplut għal baqar, nagħaġ u mogħoż Bl-eċċezzjoni ta'	0,05
	- baqar li jaħilbu l-ħalib	0,005
	- għoġla u ħrief	0,01
	Għalf komplut għal ħnieżer u t-tjur (minbarra annimali żgħar)	0,02
	Għalf ieħor komplut	0,01
	Għalf komplimentari għal baqar, nagħaġ u mogħoż (minn barra għalf komplimentari għal annimali, għoġla u ħrief li jagħmlu l-ħalib)	0,05
	Għalf komplimentari għal ħnieżer u tjur (minn barra annimali żgħar)	0,03
	Għalf komplimentari ieħor	0,005
8. Aċdu idroċiniku	Materjali ta' l-ikel bl-eċċezzjoni:	50
	- żerriegħa tal-kittien	250
	- torti taż-żerriegħa tal-kittien	350
	- prodotti tal-manjoka u torti tal-lewż	100
	Għalf komplut bl-eċċezzjoni ta':	50
	- għalf komplut għal flieles	10
9. Gossipol ħieles	Materjali ta' l-ikel bl-eċċezzjoni ta':	20
	- torti taż-żerriegħa tal-qoton	1 200
	Għalf komplut bl-eċċezzjoni ta':	20
	- għalf komplut għal baqar, nagħaġ u mogħoż	500
	- għalf komplut għal tjur (minn barra tiġieġ li jbidu) u għoġol	100
	- għalf komplut għal fniek u ħnieżer (minn barra ħnieżer żgħar)	60

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali	Il-kontenut massimu f'mg/kg (ppm) f'relazzjoni m'għalf b'kontenut imxarrab ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
10. Theobromine	Għalf komplut bl-eċċezzjoni ta':	300
	- għalf komplut għal baqar adulti	700
11. Żejt tal-mustarda volatili	Materjali ta' l-ikel bl-eċċezzjoni ta':	100
	- għaġna ta' żerriegħa tal-kolza	4 000 (espress bħala allyl isothiocyanate)
	Għalf komplut bl-eċċezzjoni ta':	150 (espress bħala allyl isothiocyanate)
	- għalf komplut għal baqar, nagħaġ u mogħoż (minn barra annimali żgħar)	1 000 (espress bħala allyl isothiocyanate)
	- għalf komplut għal ħnieżer (minn barra ħnieżer żgħar) u tjur	500 (espress bħala allyl isothiocyanate)
12. Vinal thiooxazolidone (Vinyloxazolidine thione)	Għalf komplut għal tjur bl-eċċezzjoni ta':	1 000
	- għalf komplut għal tiġieġ li jbidu	500
13. Rye ergot (Claviceps purpurea)	L-għalf kollu li fihom ċereali ta' taħt l-art	1 000
14. Żerriegħa ta' l-alka u frott mhux imkisser u mhux mġħaffeg li fihom alkaloids, glucosides jew sustanzi tossiċi oħra separatament jew f'kombinazzjoni inklużi	L-għalf kollu	3 000
(a) <i>Lolium temulentum</i> L.,		1 000
(b) <i>Lolium remotum</i> Schrank,		1 000
(c) <i>Datura stramonium</i> L.		1 000
15. Castor oil plant - <i>Ricinus communis</i> L.	L-għalf kollu	10 (espressi f'termini ta' qoxra tar-riġnuwa)
16. <i>Crotalaria</i> spp.	L-għalf kollu	100
17. Aldrin waħdu } jew kombinat espress	L-għalf kollu bl-eċċezzjoni ta': - xaħmijiet	} 0,01 } 0,2
18. Dieldrin bħala dieldrin		
19. Camphechlor (toxaphene)	L-għalf kollu	0,1
20. Chlordane (somma ta' cis-u transisomers u ta' oxychlor-dane, expressed as chlordane)	L-għalf kollu bl-eċċezzjoni ta': - xaħmijiet	0,02 0,05
21. DDT (somma ta' DDT-, TDE- u DDE-isomers, espressi bħala DDT)	L-għalf kollu bl-eċċezzjoni ta': - xaħmijiet	0,05 0,5
22. Endosulfan (somma ta' alpha- u beta-isomers u ta' endosulfansulphate expressed as endosulfan)	L-għalf kollu bl-eċċezzjoni ta': - qamħirrum - żerriegħa taż-żejt - għalf komplut għal ħut	0,1 0,2 0,5 0,005
23. Endrin (somma ta' endrin u ta' delta-ketoi-endrin, espressi bħala endrin)	Għalf kollu bl-eċċezzjoni ta': - xaħmijiet	0,01 0,05
24. Heptachlor (somma ta' heptachlor u ta' heptachlorepo-oxide, espress bħala heptachlor)	L-għalf kollu bl-eċċezzjoni ta': - xaħmijiet	0,01 0,2

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali	Il-kontenut massimu f'mg/kg (ppm) f'relazzjoni m'għalf b'kontenut imxarrab ta' 12 %
(1)	(2)	(3)
25. Hexachlorobenzene (HCB)	L-għalf kollu bl-eċċezzjoni ta': - xaħmijiet	0,01 0,2
26. Hexachlorocyclo-hexane (HCH)		
26.1 alpha-isomers	L-għalf kollu bl-eċċezzjoni ta': - xaħmijiet	0,02 0,2
26.2 beta-isomers	Għalf kompost bl-eċċezzjoni ta': - għalf għal baqar li jaħilbu	0,01 0,005
	Materjali ta' l-ikel bl-eċċezzjoni ta': - xaħmijiet	0,01 0,1
26.3 gamma-isomers	L-għalf kollu bl-eċċezzjoni ta': - xaħmijiet	0,2 2,0
27. Dioxin (somma ta' PCDD u PCDF), espressa f'ekwivalenti internazzjonali tossiċi	Polpa taċ-ċitru	500 pg I-TEQ/kg (limitu t'għarfien ta' fuq) ⁽⁵⁾
28. Apricots - Prunus attneniaca L.	L-għalf kollu	Żerriegħa u frott ta' lispeċi ta' pjanti mniżżla faċċata kif ukoll id-derivati proċessati tagħhom jistgħu jkunu preżenti fl-għalf f'ammonti ta' traċċi li ma jistgħux ikunu determinati kwantitament
29. lewż qares-Prunus dulcis (Mill.) D.A. Webb var. amara (DC.) Focke (= Prunus amygdalus Batsch var. amara (DC.) Focke)		
30. Ġewż tal-fagu mingħajr qoxra -Fagus silvatica L.		
31. Camelina - Camelina sativa (L.) Crantz		
32. Mowrah, Bassia, Madhuca - Madhuca longifolia (L.) Macbr. (= Bassia longifolia L. = Illipe malabromm Engl.) Madhuca indica Gmelin (= Bassia latifolia Roxb.) = Illipe latifolia (Roscb.) F. Mueller		
33. Purgħera - Jatropha curcas L.		
34. Croton - Croton tiglium L.		
35. Mustarda Indjana - Brassica juncea (L.) Czern. And Coss. ssp. Intergrifolia (West.) Thell.		
36. Mustarda sareptian - Brassica juncea (L.) Czern. And Coss. ssp. Juncea		
37. Mustarda Ċiniża - Brassica juncea (L.) Czern. And Coss. ssp. Juncea var. lutea Batalin		
38. Mustarda sewda - Brassica trigs (L.) Koch		
39. Mustarda Etijopjana mustard - Brassica carinata A. Braun		

⁽¹⁾ L-Istati Membri jistgħu wkoll jippreskrivu kontenut fluorine massimu ta' 1,25 % tal-kontenut fosfatu.

⁽²⁾ Kontenut tal-fluorine kull 1 % fosforu.

⁽³⁾ L-Istati Membri jistgħu wkoll jippreskrivu kontenut massimu ta' kadmijum ta' 0,5 mg kull 1 % fosforu.

⁽⁴⁾ L-Istati Membri jistgħu wkoll jippreskrivu kontenut massimu ta' kadmijum ta' 0,75 mg kull 1 % phosphorus.

⁽⁵⁾ Konċentrazzjonijiet ta' fuq huma kalkulati bl-assumzjoni li l-valuri kollha tal-congeners differenti u tneħħi l-limitu ta' tisjib huma uguali għal limitu ta' tisjib.

ANNEX II

Sustanzi mhux mixtieqa	Prodotti ntiżi għal għalf ta' l-annimali	Linja limitu t'azzjoni f'mg, kg (ppm) li għandha x'taqsam ma prodott intiż għal għalf ta' l-annimali b'kontenut imxarrab ta' 12 %	Kummenti w informazzjoni addizzjonali (e.ż. in-natura ta' l-investigazzjonijiet li għandhom iseħħu)
------------------------	--	---	---

(għar-rekord)

ANNEX III

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 1999/29/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(a)	Artikolu 2(a)
Artikolu 2(b)	Artikolu 2(b)
Artikolu 2(c)	Artikolu 2(g)
Artikolu 2(d)	Artikolu 2(fl
Artikolu 2(e)	Artikolu 2(e)
Artikolu 2(f)	Artikolu 2(i)
Artikolu 2(g)	Artikolu 2(j)
Artikolu 2(h)	-
-	Artikolu 2(c)
-	Artikolu 2(d)
-	Artikolu 2(h)
-	Artikolu 2(k)
-	Artikolu 2(1)
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4(1)	Artikolu 4(1)
Artikolu 4(2)	-
-	Artikolu 4(2)
Artikolu 5	-
Artikolu 6	-
Artikolu 7	Artikolu 5
Artikolu 8	Artikolu 6
Artikolu 9	Artikolu 7
Artikolu 10	Artikolu 8
Artikolu 11	Artikolu 9
Artikolu 12	-
-	Artikolu 10
Artikolu 13	Artikolu 11
Artikolu 14	Artikolu 12
Artikolu 15	Artikolu 13

Direttiva 1999/29/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 16	-
-	Artikolu 14
-	Artikolu 15
Artikolu 17	Artikolu 16
Artikolu 18	Artikolu 17
Anness I	Anness I
Anness II	-
Anness III	-
Anness IV	Anness 11